# Mitt Sena mill-Mewt Traġika tat-tifel Nazzareno Buhagiar fil-kamra tan-nar *il-Berbri*

kitba ta' Joseph Schembri

Hija ħaġa tajba li wieħed b'għożża kbira jfakkar biex ma jintesgħux nies li mietu b'inċidenti fatali b'mod speċjali fil-kmamar tan-nar. It-tfajjel Nazzareno Buhagiar, sfortunatament miet waqt li kien qed isir xi xogħol fil-kamra tan-nar. Għalina s-Siġġiwin dan kien l-ewwel inċident li nafu bih. Il-kamra tan-nar kienet fl-inħawi tal-Berbri li jiġu bejn tal-Għaqda u tal-Imgħawweġ jew tal-Ibraġ, fuq Wied Ħanżir li jiġi fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ.

Nazzareno Buhagiar twieled is-Siġġiewi fil-21 ta' Marzu 1900, minn Spiridione Buhagiar (tas-Silla) u Margerita nee Attard (tal-Qandli jew ta' Ħad-Dingli).

Nhar is-Sibt 20 ta' Awwissu 1910, fil-post tan-nar il-Berbri kien qiegħed isir xi xogħol tal-logħob tan-nar bl-ingredjenti: faħam, kubrit, putassa u porvli. Fil-post (fil-għorfa) kien hemm 4 persuni u tifel, dawn kienu Pawlu Tonna (iz-Zliz), Nikol (il-Qaddis), Spiru (Imperja) Spirtu Buhagiar u ibnu Żaren ta' 10 snin (tas-Silla). Waqt li kienu qed jaħdmu, Nikol qal lil Spiru (Imperja) biex jagħtih is-sikkina biex isinnha tajjeb ħalli jkun jista' jaqta' l-ispag. Spiru waddab is-sikkina u din weħlet fuq it-tavla (mejda) u nzerta li fuqha kien għad baqa' xi frak tal-putassa, u għalhekk din inqarset u qabdet u l-għorfa saret daħna waħda. Dawk kollha li kienu ġewwa l-għorfa ppruvaw isalvaw ħajjithom, min qabeż mit-tieqa u min laħaq ħareġ mill-bieb. Nikol kien qiegħed mal-koxxa tal-bieb tal-għorfa u flimkien ma' Pawlu Tonna għamlu ħilithom kollha biex isalvaw il-ħajja tat-tifel Żaren, dan bid-daħna li kien hemm tfixkel mat-twavel u waqa'. Pawlu Tonna pprova jiġbdu imma ma setax għax kif ipprova jiġbdu, fjamma tan-nar ħarqitlu dirgħajh.

Wara din it-traġedja kollha, Żaren instab mejjet. Fost niket kbir, l-irġiel ġarrew lit-tifel u poġġewh fuq xkora, u wara l-katavru ttieħed l-Isptar Ċentrali l-Furjana.



Lapida tal-ġebel kienet tqiegħdet f'kantuniera ta' għalqa bejn Triq l-Għaqba u Triq il-Barrieri. Madwar 30 sena ilu, din il-lapida kienet kważi tmermret għal kollox u tneħħiet. Ġużeppi Buhagiar (Joli), ħu Żaren, ftit wara li tneħħiet din il-lapida, għamel oħra tal-irħam li qiegħda mar-razzett fi Triq il-Barrieri.


**Riferenzi:**

- Intervista lil Ġużeppi Buhagiar (Joli) li għamiltlu nhar it-30 ta' Marzu, 1991.
- Il-Gazzetta "Malta Tagħna" 27 ta' Awwissu, 1910.